

## DEĊIJONIJIET

### DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Awwissu 2011

dwar il-konformità tal-istandard EN 16156:2010 "Sigaretti – Valutazzjoni tat-tendenza li jaqbdū – Rekwiżit tas-sigurtà" u l-istandard EN ISO 12863:2010 "Metodu standard ta' ttestjar għall-valutazzjoni ta' kemm is-sigaretti jaqbdū malajr" bir-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE u l-pubblikazzjoni tar-referenzi tal-istandard EN 16156:2010 "Sigaretti – Valutazzjoni tat-tendenza li jaqbdū – Rekwiżit tas-sigurtà" u tal-istandard EN ISO 12863:2010 "Metodu standard ta' ttestjar għall-valutazzjoni ta' kemm is-sigaretti jaqbdū malajr" f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5626)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/496/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Čiċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (¹) u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tagħha,

Wara l-konsultazzjoni mal-Kunitat Permanenti mwaqqaf skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabillixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandardi u tar-Regolamenti Tekniċi tar-regoli u dwar is-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (²),

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/95/KE jobbliga lill-produtturi li jqiegħdu biss prodotti siguri fis-suq.
- (2) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2001/95/KE, prodott għandu jitqies bħala sigur, safejn għandhom x'jaqsmu r-riskji u l-kategoriji tar-riskji koperti bl-istandardi nazzjonali rilevanti, meta jkun konformi mal-istandardi nazzjonali volontarji li jittrasponu l-istandardi Ewropej, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati mill-Kummissjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva.
- (3) Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva, l-istandardi Ewropej għandhom jiġu stabbiliti minn korpi Ewropej ta' standar-dizzjoni skont mandati stipulati mill-Kummissjoni.

(4) Skont l-Artikolu 4(2), il-Kummissjoni trid tippubblika r-referenzi ta' dawn l-istandardi.

(5) F'Ġunju 2008, il-Kummissjoni ħarġet il-Mandat M/425 lis-CEN (il-Kunitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni) biex ifassal abbozz ta' standard dwar is-sigurtà Ewropea biex jindirizza r-riskju tan-nar fis-sigaretti.

(6) Is-CEN adotta l-istandard EN 16156:2010 "Sigaretti — Valutazzjoni tat-tendenza li jaqbdū — Rekwiżit tas-sigurtà" bi tweġiba għall-Mandat tal-Kummissjoni. Dan l-Standard jirreferi għall-istandard EN ISO 12863:2010 "Metodu standard ta' ttestjar għall-valutazzjoni ta' kemm is-sigaretti jaqbdū malajr" Għalhekk, għandha ssir referenza wkoll għall-istandard EN ISO meta tkun qiegħda tiġi ppubblikata r-referenza għall-EN 16156:2010.

(7) EN ISO 12863:2010 ġie emendat permezz ta' rettifikasi teknika (³). Ir-rettifikasi għiet approvata mis-CEN mingħajr modifika (⁴) u għalhekk għiet inkluża fl-istandard EN 16156:2010.

(8) L-istandardi EN 16156:2010 u EN ISO 12863:2010 jissodisfaw il-Mandat M/425 u jikkonformaw mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenzi tagħhom għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(9) Sabiex tkun żgurata introduzzjoni b'suċċess tal-istandardi, l-industrija għandha tingħata biżżejjed żmien biex jaddattaw il-produzzjoni tagħhom għal-livell ta' sigurtà previst fl-istandardi. Il-pubblikazzjoni tar-referenzi tal-istandardi fil-Ġurnal Uffiċjali 12-il xahar wara li s-CEN ħarġet l-istandardi għad-disponibbiltà fis-17 ta' Novembru 2010 hija maħsuba biex tiżgura li wara

<sup>(1)</sup> ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

<sup>(2)</sup> ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

<sup>(3)</sup> Ir-rettifikasi teknika 1. Numru ta' referenza ISO 12863:2010/Cor.1:2011(E).

<sup>(4)</sup> Referenza: EN ISO 12863:2010/AC:2011.

dan, fl-Istati Membri kollha, il-preżunzjoni tas-sigurtà tan-nar tkun imsejsa fuq kriterji komuni. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali fis-suq intern, l-awtoritajiet għas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri kollha għandhom iqisu l-istandardi Ewropej imsemmi jid-fil-premessa (8) meta jivvalutaw is-sigurtà kontra li jieħdu n-nar is-sigaretti, inkluż fl-istadju tal-bejgħ tas-sigaretti lill-konsumaturi.

- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf skont id-Direttiva 2001/95/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

#### *Artikolu 1*

L-istandard EN 16156:2010 "Sigaretti — Valutazzjoni tat-tendenza li jaqbdu — Rekwiżit tas-sigurtà" u l-istandard EN ISO 12863:2010 "Metodu standard ta' ttestjar għall-valutazzjoni

ta' kemm is-sigaretti jaqbdu malajr" jissodisfaw ir-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE għar-riskju li jkopru.

#### *Artikolu 2*

Ir-referenzi tal-istandardi EN 16156:2010 u EN ISO 12863:2010 għandhom jiġu ppubblikati fil-parti C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-17 ta' Novembru 2011.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*